MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 238/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Peter Paul Grech (ID: 317065 M) u Mark Darmanin Kissaun (ID: 11597 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Peter Paul Grech**

**Vs**

**Maria Carmela Rizzo (ID: 659640 M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm684.47c (sitt mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-5 ta' Dicembru, 2003, fi Triq il-Wizna, Swieqi, bejn il-vettura bin-numru FBH 256 misjuqa mill-konvenuta, l-vettura

numru JAE 743 misjuqa minn u proprjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici Peter Paul Grech, liema vettura kienet assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurat taghha u l-vettura numru HAW 028 proprjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici Mark Darmanin Kissaun, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Interpellata sabiex thallas permezz ta’ Ittra Ufficjali datata 27 ta’ Mejju, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) *excess* imhallsa mill-assikurat tas-socjeta’ attrici, Peter Paul Grech, li kien assikurat taht polza *comprehensive* mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tas-27 ta’ Mejju, 2004, u ta’ l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghax pagabbli mis-27 ta’ Mejju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil Dr Anne Marie Busuttil tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------